# Il-Kaxxa Misterjuża u L-Avventura Lejn il-Ħames Artijiet Imsaħħra

Il-Verżjoni għat-Tfal tal-Politika Nazzjonali għat-Tfal 2018-2023

Ippubblikat mill-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Tfal.

16/18, Dawret it-Torri,
Santa Luċija, SLC 1019, Malta
Tel: +356 21485180
Email: cfc@gov.mt
Sit elettroniku: www.tfal.org.mt

© 2017, Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Tfal.

Tpinġijiet u disinn: Daniel Attard Portughes

Kummissarju għat-Tfal
Commissioner for Children

MINISTERU GĦALL-FAMILJA,
DRITTIJIET TAT-TFAL U SOLIDARJETA' SOĊJALI

Messaġġ mill-Kummissarju għat-Tfal



Għeżież Tfal,

Dan il-ktieb huwa għalikom biex taqrawh bi pjaċir u b'attenzjoni. Huwa dwar l-ewwel Politika li qatt inkitbet għalikom biss. Din hija wegħda li l-awtoritajiet qed jagħmlu sabiex ikollkom kull opportunita` biex tgawdu d-drittijiet tagħkom.

L-Uffiċċju tiegħi twaqqaf biex jiżgura li intom ikollkom l-għajnuna kollha li teħtieġu biex tgħixu tfulija hienja mdawrin b'nies li jħobbukom u li jieħdu ħsiebkom. Fost dawn hemm il-familja u l-għalliema tagħkom.

Intom tridu tagħmlu l-almu tagħkom sabiex tkunu tistgħu tgawdu d-drittijiet tagħkom bis-sħiħ. Nixtiqukom tifhmu x'inhi din il-Politika, u biex tagħmlu dan ktibnieha f'forma ta' storja li tirrakonta l-vjaġġ li t-tfal kollha jagħmlu.

Il-Ħames artijiet li t-tlett itfal se jżuru huma importanti għax fihom hemm l-iktar ħwejjeġ meħtieġa biex intom titgħallmu u tkunu kapaci tilqgħu għall-isfidi. Din l-istorja hija dwar affarijiet li intom tgħożżu, dwar l-għodda u l-ħiliet li għandkom bżonn, u dwar l-importanza li ssemmgħu leħenkom u tkunu kapaċi tieħdu responsabbilta` ta' għemilkom. Il-kbar se jkunu hemm biex jgħinukom u jħarsukom matul il-vjaġġ tagħkom. Dawn huma għodod b' saħħithom.

Ix-xewqa tiegħi hija li kollha kemm intom tkunu tistgħu tgawdu t-tfulija bl-aħjar mod. Inħeġġiġkom tagħmlu ħilitkom biex taslu fl-artijiet fejn il-ħolm tagħkom isir realta`.

Pauline

# Il-Kaxxa Misterjuża

Il-Kaxxa Misterjuża



**Introduzzjoni**

Hello, jiena Martina....Martina Vella.
Se nagħlaq tmintax-il sena u noqgħod Wied il-Għajn

Dan l-aħħar smajt li f'Malta ħareġ pjan ta' x' se jagħmlu l-awtoritajiet minn hawn sa seba' snin oħra biex tfal u żgħażagħ jgħixu aħjar. Wara li qrajt dan il-pjan, iddeċidejt li nerġa' niktbu fi kliemi biex intom, bħali, tkunu tafu kif ħajjitna tista' ssir aħjar.

Dan il-pjan nimmaġinah bħala kaxxa misterjuża li meta nsibuha u niftħuha nsibu fiha affarijiet li għandna bżonn biex nimxu 'l quddiem fl-avventura tal-ħajja.

Fl-ewwel parti se nippruvaw niftħu din il-kaxxa.

Fit-tieni parti se naraw x'hemm fil-kaxxa.

U fl-aħħar parti se nużaw dak li sibna fil-kaxxa fl-avventura tal-ħajja.

# Nifthu l-Kaxxa Misterjuża

Nifthu l-Kaxxa Misterjuża

Qabel ma nibdew, ħa ngħidilkom xi ħaġa oħra dwari.
Nixtieq insir arkeologa. Dan ifisser li xogħli jkun li nfittex oġġetti taħt l-art li n-nies użaw ħafna u ħafna żmien ilu.

Minn dejjem xtaqt nagħmel dan ix-xogħol. Meta kont tifla u konna mmorru ngħumu, kont nagħmel sigħat sħaħ inħaffer biex nara x'nista' nsib midfun taħt ir-ramel.

Mela ftit ilu kont qiegħda nħaffer fil-ħamrija ġo għalqa ta' bidwi ħabib ta' missieri. Bdjet inħoss xi ħaġa iebsa. Ħaffirt iżjed u sibt kaxxa. Kaxxa vera misterjuża! Fuq wiċċ il-kaxxa kien hemm miktub xi ħaġa b'lingwa antika. Fittixt fuq l-internet u sirt naf li dan il-kliem ifisser:

## ‘Għat-Tfal’

‘Għat-Tfal’




Fuq kull naħa tal-kaxxa wkoll kien hemm miktub xi ħaġa.
Dawn kienu domandi, erba’ domandi li t-tfal iridu jwieġbu
biex jiftħu din il-kaxxa misterjuża.

Naraw x’fiha din il-kaxxa misterjuża.

L-ewwel domanda tgħid hekk:

X'tixtiequ li ssibu fil-kaxxa?

Ġugarelli, blalen, ħwejjeġ sbieħ, tablets, smart phones.

Le, bil-mod! Ejjew naħsbu ftit! Jekk tridu tgħinu lil xi ħadd ikollu x'jiekol, x'jaqbel li tagħtuh, ħuta jew qasba?

Il-ħuta jista' jikolha malajr imma għada u pit'għada, x'se jkollu x'jiekol?

Bil-qasba jista' jistad, jaqbad u jiekol ħuta llum, għada, pit'għada u pit pit'għada.

Mela x'inhu l-aħjar?

Il-qasba.

Tajjeb. Mela bl-istess mod din il-kaxxa ma fihiex l-affarjiet li semmejtu intom imma fiha għodda. Għodda mhux tal-bennej jew tal-mastrudaxxa, imma għodda li biha nistgħu nagħmlu ħafna affarijiet differenti.
Fi kliem ieħor, din l-għodda tista' tiftħilna tieqa fuq id-dinja, dinja mimlija:

oPPPORTUNITAJIET

Naf x' qed taħsbu.

Li hemm P żejda.
Iva vera, il-kelma suppost fiha żewġ P. Kull ittra P
għandha tifsiriet importanti.
Dawn huma:

PARTEĊIPAZZJONI

PROTEZZJONI

PROVEDIMENT

Ħa nagħtikom eżempju:

Mela oħti ż-żgħira, Diandra, fis-sajf ma tkunx taf x'se
taqbad tagħmel biha nnifsiha.
Ma tħobbx tilgħab ma' ħuha għax joqgħod jinkiha
u lanqas tħobb tilgħab waħedha.
Allura ħatfet l-opportunita, **il-provediment**, ta' SkolaSajf.
Hemmhekk ħadet gost għax jagħmlu ħafna logħob u attivitajiet differenti.
Dawn ikunu maħsuba biex jippromovu u jiżviluppaw it-talenti tat-tfal.

Darba ħaduhom jirkbu ż-żiemel.
L-ewwel ma'għamlu kien li jispjegaw lit-tfal minn xiex għandhom joqogħdu
lura biex ma jbeżżgħux liż-żiemel meta jirkbu fuqu.

Dejjem kien hemm xi ħadd li jaf iż-żiemel sew biex jgħin
it-tfal iħossuhom komdi meta jirkbu fuqu.

B'hekk Diandra u sħabha ħassewhom **protetti**, imħarsa, minn kull periklu meta rikbu ż-żiemel.

Meta reġgħu daħħlu ż-żiemel fl-istalel, Diandra u sħabha qalu lill-għalliema kif ħassewhom fuq żiemel għall-ewwel darba.

Diandra xtaqet li s-sarġ kien iżgħar għax bdiet tibża' li kienet se taqa' minn fuqu. U mnalla tkellmet, għax darba oħra, tawhom sarġ iktar komdu għat-tfal.

Ngħidu li Diandra **pparteċipat** fil-mod kif saru l-lezzjonijiet tal-*horse-riding*.

Mela, biex ngħixu aħjar u nieħdu pjaċir mingħajr ma nweġġgħu, il-kbar għandhom jagħtuna l-opportunita' biex nitkellmu u nesprimu ruħna. Huma jisimgħuna u jgħatu kas ta' dak li ngħidulhom.

X' ġara? Dak x' ħoss kien? Araw! Il-kaxxa nfetħet minn naħa waħda!
Ejjew ħa niftħu naħa oħra tal-kaxxa.
Id-domanda li hemm fuq din in-naħa tgħid hekk:

Fiex se jgħinukom tgħixu aħjar l-oġġetti li hemm fil-kaxxa?

Fil-logħob, fiż-żfin, fil-ħruġ, fiċ-chats!!

Iva, imma mhux biss. Aħsbu ftit.
Aħna x'għandna bżonn iżjed biex inkunu kuntenti?

**Ambjent fejn kulħadd jieħu ħsieb xulxin**
**Relazzjonijiet tajbin ma' tfal u żgħażagħ bħalna u mal-kbar**
**Ikel bnin u kura u ambjent nadif**
**Edukazzjoni li tiftħilna moħħna u li tissarraf f'xogħol tajjeb meta nikbru**

Araw! L-għatu tal-kaxxa tela' 'l fuq minn naħa oħra! Dalwaqt ikun miftuħ għal kollox.

Din hi d-domanda:

Min se jiżgura li jkollkhom dar u ambjent tajjeb?

Mhux il-kbar!

Iva, imma min huma l-kbar?



## *Il-Gvern u l-iStat*

Ħa nġibilkom eżempju:

Mela jien u l-familja tiegħi noqogħdu f'appartament f'Wied il-Għajn.
Warajna hemm ġnien sabiħ mimli siġar u fjuri.
Xi ħadd ried jibni fuq il-ġnien imma aħna ipprotestajna għax ridna l-ġnien.

# *Il-Komunità*

Jiġifieri aħna u dawk in-nies kollha li jgħixu
madwarna u l-familji tagħna, bħal....
il-ġirien,
tal-ħwienet,
is-sindku u l-kappillan u ...
ħafna oħrajn

Ħija Pawlu darba għamel waħda minn tiegħu.
Intilef fit-toroq ta' Wied il-Għajn! Ma setax isib triqtu lura d-dar.
Meta mingħalih li wasal induna li dik ma kenitx it-triq tad-dar.
Tatu rasu u nfaqa' jibki. Rah Ġanni tal-growser li jafna.
Għalaq il-ħanut u mexa ma' ħija lura d-dar.
Meta ommi, inkwetata, fetħet il-bieb, lil Pawlu sabitu qisu mhux hu,
ħalqu mimli jiekol il-ħelu li kien tah Ġanni.

Araw mela kemm jistgħu jgħinuna dawk li jgħixu madwarna, fil-komunità.

## *Il-Familja*

Jiġifieri l-ġenituri tagħna jew min qed irabbina, l-aħwa,
u anke in-nanniet, iz-zijiet u l-kuġini,
kif ukoll dawk li ma jiġux minna imma xorta
huma qrib ħafna tagħna, bħall-ħbieb, u l-għalliema.

Jien darba kont *fostered* għax ommi kienet mardet
ħafna u missieri ma setax jibqa' jieħu ħsiebna.
Mort ngħix għal xi żmien ma' familja oħra, ġejt *fostered*
Lil Rita u Mario għadni sal-lum insejħilhom zijiet.
Meta ommi fieqet mort lura d-dar tagħna.
Il-*foster carers* saru ħbieb kbar tagħna u narawhom spiss.
Saru parti mill-familja.

Araw kemm hi kbira u prezzjuża l-familja.

U min iktar se jħaddem dawn l-oġġetti misterjużi?
Taħsbu li tqila din hux, għax qisu lil kulħadd semmejna.
Ma tistax tkun iżjed faċli.....

Aħna stess.

Dan kif? Aħna x' għandna x'naqsmu, mhux il-kbar iridu jgħinuna?

Iva veru, imma jekk aħna ma nagħmlux l-almu tagħna biex nużaw l-opportunitajiet li jagħtuna l-kbar ikun kollu għalxejn.

Ħabiba tiegħi ma riditx taf bl-iskola imma dejjem xtaqet li tiftaħ ħanut tal-kafè.

Marret kors l-ITS u tgħallmet kif tmexxi. Issa l-ġenituri qed jgħinuha twettaq xewqitha.

Ħbieb, ftakru, irridu ngħinu lilna nfusna biex ħaddieħor ikun jista' jgħinna.

Skriiiiik!! Hemm hi, l-kaxxa kompliet tinfetaħ!

Ejjew nippruvaw inwieġbu din id-domanda:

Għaliex tawkom din il-kaxxa?

Tawhielna għax...għandna DRITT ngħixu tajjeb.

Ħa nagħtikom eżempju.

Mela ħija ż-żgħir, Pawlu, jaf ikun vera mqareb meta jfettillu.
Jivvintahom il-praspar; id-dar jitla' fuq l-għamara, iħażżeż mal-ħajt u jagħmel kulma jfettillu.
Lil papa' u lil mama' jġenninhom meta jagħmel hekk. Biex jieqaf ikollhom jagħtuh kastig.
'Pawlu, m'intix se tieħu ġelat', jew, 'Pawlu, illum daqshekk rajt *cartoons*'.
Imma joqgħod kemm joqgħod imqareb, qatt ma jistgħu jgħidulu, 'Pawlu, llum m'intix se tiekol'.
Dan għax Pawlu, bħal kull tifel ieħor, għandu d-dritt li jiekol għax mingħajr ikel jista' jimrad.

Mela, li ngħixu aħjar mhix xi ħaġa li tiġri jekk inkunu xortina tajba jew jekk noqogħdu bravi imma għax hekk għandu jkun dejjem.

L-għatu tela' 'l fuq. Il-kaxxa issa hija miftuħa.

Tridu taraw x' hemm fil-kaxxa?

X' hemm mistur fil-kaxxa misterjuża?

## Il-Mappa

Ommi ma! Araw kemm hawn trab, għanqbut u anki brimb fil-kaxxa!
Tgħidli qalbi din il-kaxxa qatt ma nfetħet qabel.
Aħsbu ftit, ħbieb, f'dawn is-sekli kollha li ilha moħbija taħt il-ħamrija,
aħna l-ewwel tfal u żgħażagħ li ftaħna din il-kaxxa misterjuża.
Mhix ħaġa tal-għaġeb?

Mela ejjew naraw x'se nsibu fil-kaxxa.
Tgħid x'inhi din il-ħaga ratba u raffa, qisha papiru tal-Eġittu Antik?
Din qisha mappa. Iva, din mappa! Imma mappa ta' xiex?
X'hawn miktub hawn fuq b'ittri kbar? Din qisha l-istess lingwa antika
li sibna fuq barra tal-kaxxa.
Ejjew infittxu fuq l-internet xi tfisser din il-kitba.


L-ART L-ORANĠJO
L-ART IL-KAĦLA
L-ART IS-SAFRA
L-ART IL-ĦADRA
L-ART IL-ĦAMRA

Il-Mappa tal-Avventura tal-Ħajja

Mela din il-mappa se turina fejn irridu mmorru biex insibu dak li għandna bżonn f'ħajjitna. Issa ejjew inħarsu sew lejn il-mappa. Hemm ħames biċċiet kbar ta' art, bħal ħames kontinenti tad-dinja.

Kull art hija ta' kulur differenti:
art ħamra, art safra, art kaħla, art ħadra u art oranġjo.

X'inhi din il-forma mħażża fuq **l-Art il-Ħamra**?
Dik qisha dar żgħira antika.





X'hemm imħażżeż fuq **l-Art is-Safra**?
Dawn ħoloq ta' katina mdaħħlin f'xulxin.

Dan x'inhu mpinġi fuq **l-Art il-Kaħla**?
Din qisha xmara jew nixxiegħa ta' l-ilma.





U fuq **l-Art il-Ħadra** x'hemm?
Jidher xefaq imdawwal mill-imrieżaq tax-xemx tielgħa.

U fadal **l-Art l-Oranġjo**. Din x'inhi?
M'hemmx dubbju li hi xitla mimlija fjuri kkuluriti.



Ħames artijiet, ħames kuluri, ħames xbihat.

Dan ifisser li rridu mmorru fl-artijiet kollha biex insibu dak li għandna bżonn għall-avventura tal-ħajja.

Fuq **l-Art il-Ħamra**, il-biċċa l-kbira tal-ġenituri jħejju dar komda b'dak kollu li jeħtieġu t-tfal għal trobbija tajba. Dar fejn it-tfal iħossu li huma teżori.

Fuq **l-Art is-Safra**, kulħadd jirispetta u jgħin 'l xulxin. It-tfal ta' l-art is-safra jgħidu kif jaħsbuha bla tfixkil. Fuq din l-art il-kbar jibżgħu ħafna għat-tfal, imma fl-istess waqt jagħtuhom in-nifs biex jiskopru l-ħajja.

It-tfal li jgħixu **fl-Art il-Kaħla** jikbru b'saħħithom u jgħixu f'ambjent b'arja nadifa. Meta jimirdu, il-ġenituri, in-nerses u t-tobba jikkurawhom biex ifiequ.

Fuq **l-Art il-Ħadra**, l-iskejjel iħeġġu lit-tfal biex jilħqu dak li joħolmu.

It-tfal li jgħixu **fl-Art l-Oranġjo** għandhom ħafna fejn jistgħu jipprattikaw l-isports li jħobbu.  L-arti, il-mużika, iż-żfin u r-reċtar jgħinuhom jesprimu ruħhom u jeċċellaw fit-talenti tagħhom. It-teknoloġiji ġodda wkoll jgħinu lit-tfal jesprimu ruħhom.

X' artijiet imsaħħra huma dawn! Tridu mmorru nesplorawhom flimkien?

## Inħejju ruħna għall-avventura

Stennew ftit!

Għandna biex nagħmlu dan il-vjaġġ diffiċli lejn dawn l-artijiet sbieħ? Tiftakru d-domandi fuq barra tal-kaxxa?

Fihom kienet imsemmija xi għodda. Tgħid din l-għodda qiegħda fil-kaxxa misterjuża?

Dan qisu arloġġ. Le, din boxxla!
Il-boxxla tużaha biex tkun taf f'liema direzzjoni int miexi, għax il-vleġġa dejjem tħares lejn it-tramuntana.
Il-GPS (*Global Positioning System*) tal-mowbajl jgħinna wkoll.



Mela tlaqna!

Le stennew!

Mhux aħjar naraw x' hemm iżjed fil-kaxxa misterjuża biex żgur ma jonqosna xejn fil-vjaġġ?

Dan ħabel oħxon u sod. Marbut fit-tarf tal-ħabel hawn ganċ kbir tal-ħadid. B'dan il-ħabel, nistgħu nitilgħu mal-irdum u naqsmu l-widien u x-xmajjar.

X' hemm iktar fil-kaxxa?

Qed nara bħal tarka....

Bħal dik tas-suldati biex jilqgħu
d-daqqiet tal-għadu.

Araw, fuq wara tat-tarka hawn manku.
Jekk inżommu din it-tarka dejjem
quddiemna, xejn ma jista' għalina.

Jidher li hawn xi ħaga oħra........xibka kbira.
Din ukoll tista' tħarisna. Issa naraw.....

Issa naħseb li għandna kollox, l-għodod li sibna fil-kaxxa u l-mowbajl li se nġib miegħi.
Billi llum imdawrin bit-teknoloġija ma jfissirx li l-għodda tal-kaxxa mhix tajba.
Anzi, jiġu mumenti fejn niġu bżonn din l-għodda.

Mela tlaqna! Lesti?

Qabel ma nitilqu, ejja nagħmlu idejna fuq xulxin biex nuru lil xulxin kemm aħna magħqudin bejnietna.
Ftakru, naslu fejn irridu biss jekk ngħinu lil xulxin!

Oleeee!! Tlaqna!

# L-Avventura lejn il-Ħames Artijiet

L-Avventura lejn il-Ħames Artijiet

Bdejna l-avventura!
Imma qabel xejn naraw min huma it-tlett itfal kuraġġjużi li għazlu li jilqgħu din l-isfida iebsa u jiġu magħna f'dan il-vjaġġ tal-ħajja.



**Ġorġ** għandu 10 snin.
Meta kellu seba' snin intbagħat jgħix ma' familja oħra, ġie *fostered* minn familja minħabba li l-ġenituri tiegħu ma setgħux jieħdu ħsiebu sew. Kellhom diffikultajiet kbar minħabba l-vizzju tad-droga. Il-ħajja mal-ġenituri li kienu qed jiffosterjawh għal bidu sabha diffiċli u kien jirribella l-ħin kollu. L-iskola m'għandux sabar jitgħallem bħat-tfal l-oħra u kulħadd jgħajjat miegħu. Lill-*foster carers* sar iħobbhom għalkemm jixtieq ħafna wkoll li jkun jista' jmur lura d-dar.

*Roberta* hija tfajla trans ta' 12-il sena.
Sa sentejn ilu kienu jsejħulha b'isem ta' tifel, iżda minn ċkunita bdiet turi li ma tħosshiex bħal subien oħra.

Sħabha kienu jgħajjruha għax kienet tinqata' għaliha, u ma tilgħabx magħhom.
Kienet tibża' titkellem fil-klassi għax sħabha jistgħu iwaqqgħuha għaċ-ċajt.

Daħlet wisq f'qoxritha u l-ġenituri kienu bdew jinkwetaw għaliha. Sa fl-aħħar rat persuni trans jitkellmu fuq programm tat-televiżjoni u għamlet kuraġġ u tkellmet.
Illum kulħadd jirreferi għaliha bħala tfajla.



**Maria** għandha 13-il sena u tmur tajjeb fl-iskola u dejjem kienet popolari ma' sħabha.
Tħobb tiżfen u tkanta.

Kultant kienet tħoss li qed jgħiru għaliha.
Din is-sena ddeċidiet tkun bħal sħabha u għamlet profil fuq Facebook. Wara ftit ġimgħat xi whud minn sħabha bdew jgħajruha u jxewxu lil xulxin.
Tiffansja l-iktar tifel ħelu fil-klassi.

Sħabha bdew jinkuha u jdejquha.
U għadhom sejrin biha. Qegħdin ukoll jhedduha.
Tibża' tirrapporta s-*cyberbullying* għax taħseb li tiġiha agħar.
U tħossha mdejqa ħafna.



Mela tlaqna lejn l-Art il-Ħamra.
Jien se nħalli lit-tlett itfal jimxu fuq quddiem u jiskopru waħidhom din l-art.
Jistgħu jużaw l-għodda kollha li għandhom fil-kaxxa.
F'kull art se jiltaqgħu ma' sfidi ibsin u nittama li flimkien jegħelbuhom.
Il-mowbajl se nużah biss meta assolutament ikun hemm bżonn.



Ġorġ qiegħed jiġri quddiem bil-mappa f'idu. Waqaf f'xifer l-irdum iħares 'il bogħod fejn hemm l-art il-Ħamra u qed jistenna lil sħabu.  Jippruvaw iwaddbu l-ħabel biex iqabbdu l-ganċ man-naħa l-oħra u jaqsmu bil-ħabel. Ġorġ ħerqan li jipprova imma Roberta u Maria jżommuh. Jibqgħu jiflu l-mappa u jargumentaw sakemm Maria tinduna li lil hinn kien hemm mogħdija. Jinżlu minnha għax l-irdum jidher li mhuwiex daqshekk perikoluż. Il-wied mimli bl-ilma.

Ġorġ ikun pront jinżel u jgħum san-naħa l-oħra bil-ħabel u l-ganċ f'idu.
Jgħajjat lil oħrajn u jistenniehom. Maria tipprova taqsam mal-ewwel, ma tibżax.
Roberta qed titriegħed bil-biża' għax ma tantx taf tgħum.
Ġorġ u Maria jgħumu lura għal Roberta bit-tarf l-ieħor biex wara
li jipperswadiha tinżel fl-ilma jgħinuha tasal in-naħa l-oħra.

Kollha għandhom tbissima fuq fommhom.
Jiena se nħallihom jesploraw u jgawdu dak li toffri l-Art il-Ħamra.
Ġorġ jifraħ meta mal-*foster carers* jirnexxilu jara l-ġenituri naturali tiegħu.
Dawn kollha qed jagħmlu l-istess vjaġġ,u ngħataw għodda differenti
u għajnuna biex jaslu fl-Art il-Ħamra.

Kollha jidhru kuntenti b'dak li rnexxielhom jagħmlu biex waslu l-Art il-Ħamra.
It-tfal se jkomplu l-vjaġġ għax għandhom ħerqa kbira biex iżuru l-artijiet kollha.

Imiss issa l-Art is-Safra fejn hemmhekk kulħadd huwa aċċettat kif inhu u jingħata
l-għajnuna u l-opportunitajiet biex jirnexxi.

Roberta hija l-iktar waħda akkanita biex tara kif tkun il-ħajja fejn it-tfal u l-kbar ma joqogħdux jarawha biss bħala persuna trans-ġeneru u ma jsibuhiex diffiċli biex jittrattawha indaqs bħalhom.

Ġorġ mimli entużjażmu u jidher iktar kalm wara li ltaqa' mal-ġenituri tiegħu u l-familja li qed trabbih. Ma kienx faċli biex jifhem il-fatt li kollha jriduh jitla' sew.

Forsi l-esperjenza fl-Art is-Safra tgħinu jaċċetta lill-kbar kif inhuma.

Meta staqsejt lil Maria x'tixtieq li ssib fl-Art is-Safra, wara ħafna ħsieb, qalet li tixtieq li ma tibqax tigi *bullied* minn sħabha fuq Facebook u tixtieq titgħallem ma tagħtix kas dak li jgħidu.

Skont il-mappa, l-Art is-Safra tinstab fuq in-naħa tal-Lvant. Minn fejn qegħdin ma tidhirx. Inħallihom waħidhom biex jaraw liema naħa jridu jmorru. It-tlett itfal joħorġu l-mappa u jippruvaw isibu fejn qegħdin. Ma jistgħux jaqbdu tarf. Roberta toħrog il-boxxla u turihom kif jużawha.
Jimxu u jimxu u jibdew jaqtgħu qalbhom. Jieqfu jistrieħu.



Nersaq lejhom u bil-GPS tal-mowbajl naraw kemm għad fadlilna biex naslu fejn il-pont li jgħaqqad il-gżejjer. It-tfal jagħmlu l-kuraġġ u jkomplu. Jaslu sal-pont dejjaq u jaqsmu bil-mod għan-naħa l-oħra. Jaqbdu id xulxin biex ħadd ma jaqa' 'l isfel. Waqt minnhom Roberta tiżloq u tiġbed lil Ġorġ.
Iżda hu jaqbadha mal-ewwel.



Fl-aħħar jaslu l-Art is-Safra. Isibu ruħhom fil-qalba ta' belt żgħira. Jidher li m'hemmx karozzi għaddejjin. Forsi hija vaganza għax hemm ħafna nies barra, jixorbu l-kafè, bit-tfal jiġru u jilagħbu madwarhom. Fosthom Roberta tilmaħ grupp ta' żgħażagħ bir-rota. Hija tħobb tiġri ħafna bir-rota u tmur fuqhom.

Għall-ewwel tistħi sakemm l-oħrajn iħalluha tmur ġirja bir-rota tagħhom.
Maria tisma' l-mużika u tara n-nies jiżfnu.
Magħhom hemm xi żgħażagħ fis-siġġu tar-roti.
Tmur tiżfen ġo nofshom.
Ġorġ jixtieq jagħti daqqtejn bil-ballun u jistaqsi fejn qiegħed il-grawnd.

It-tfal jixtiequ jibqgħu iktar fl-Art is-Safra għax hemm kulhadd iħossu aċċettat kif inhu iżda jixtiequ wkoll ikomplu jesploraw l-artijiet l-oħra.

Jerġgħu jingħaqdu flimkien u bil-mappa f'idejhom jimxu lejn l-Art il-Kaħla. Skont il-mappa, l-Art il-Kaħla ma tantx tidher 'il bogħod, jaqbdu t-triq u jimxu u jkantaw. Iħossuhom ferħanin wara l-avventura fl-Art is-Safra.



F’daqqa waħda jħossu xi ġebel żgħir jaqa’ mill-blat tal-irdum.

Roberta tiftakar li fil-kaxxa hemm ix-xibka. Toħroġha u jimxu wara xulxin iżommu x-xibka ‘l fuq biex tilqa’ il-ġebel li jaqa’. Maria tħeġġiġhom jgħaġġlu biex jaslu malajr għax diffiċli jimxu fuq il-blat.

Gorġ jitlaq it-tarf tax-xibka u jaqbad jiġri. Ma jarax ħofra fl-art, jaqa’ u jilwi siequ. Ma jistax jimxi fuqha. Maria u Roberta jieqfu ħdejh u jgħinuh. Hawn ma’għadux jaqa’ ġebel.

Iwieżnuh minn dirgħajh u jibqgħu mixjin.

Jieħdu nifs kbir malli jaslu fl-Art il-Kaħla.
Iħossu l-arja nadifa dieħla fil-pulmun.
Ġorġ muġugħ ħafna u t-tfal ma jafux x'se jaqbdu jagħmlu.
Inżilt ħdejhom u flimkien fittixna fuq l-internet biex naraw jekk hemmx xi sptar jew klinika fil-viċin. Konna iffortunati.
Fl-Art il-Kaħla hemm kliniċi f'kull raħal.
Is-servizzi tas-saħħa huma b'xejn għal kulħadd.



Malajr naslu l-klinika. Jeħdulu x-ray.
M'għandux ksur u t-tabib jagħmillu s-silġ u jorbothielu.
Jagħtuh ukoll par krozzi. Ġorġ jikkalma u t-tlett itfal imorru jfittxu xi mkien fejn jieklu għax għandhom ħafna guħ.
Fuq l-Art il-Kaħla hawn ħafna ikel bnin...



Ġorġ jixtieq ftira bit-tonn taż-żejt,
Roberta trid *wrap* bil-laħam tat-tiġieġ u Maria tippreferi sandwiċ tal-ġobon bil-ħass u t-tadam.
Meta jieklu u jistrieħu jkun diġa` beda jidlam.
Roberta tħossha anzjuża.
Jibdew il-vjaġġ tagħhom lejn l-art li jmiss.

Jużaw il-boxxla u l-GPS biex jaraw fejn tinsab l-Art il-Ħadra qabel jidlam sew. Din id-darba ma jiltaqgħux ma' ntoppi fit-triq u malajr jaslu. L-iskola hija l-ewwel ħaġa li jaraw. Jidħlu u dak li jaraw jogħġobhom: ħitan miżbugħin kuluri differenti u l-grawnds kbar fejn l-istudenti jilagħbu.




Maria tħobb ħafna l-matematika u tidħol fi klassi fejn it-tfal qed jitghallmu l-alġebra.

Tinduna li l-lezzjonijiet ta' din l-iskola jsiru b'mod li qishom logħba.
Maria ma tindunax kemm għadda ħin u tmur tfittex lill-oħrajn. Issib lil Ġorg bil-qiegħda ġo klassi bl-għalliema ħdejh u kienet qed tispjegalu xi ħaġa bil-mod.
Fil-pront tilmaħ lil Roberta fejn it-toilet. Hawnhekk m'hawnx problema għal tfal trans.

Fil-pront iddoqq il-qanpiena.
Sar l-ħin biex it-tfal imorru lura d-dar.
Maria, Roberta u Ġorġ joħorġu mat-tfal l-oħra.
Ħafna tfal sejrin lura bil-mixi jew bir-rota
li jistgħu jipparkjaw fl-iskola.

It-tfal jibdew jimxu lejn l-aħħar art, l-**Art Oranġjo**.
Roberta qed tħares lejn il-mappa imma tidher mitlufa,
ma tafx kif jistgħu jaslu. Ir-rotot kollha jidhru perikolużi.
Wara dawn l-avventuri kollha t-tfal iħossuhom għajjenin.
Immur nagħmlilhom kuraġġ.
Nurihom fuq il-GPS li ma fadlilhomx wisq biex jaslu l-Art l-Oranġjo.

Jaslu f'fetħa enormi, fejn hemm ħafna tfal jiġru ma' kullimkien u jilagħbu.




Maria tilmaħ tfal kbar miġburin kwieti rashom baxxuta fit-tablets u l-mowbajls. F'dik il-wesgħa hemm numru ta' tablets imqabbdin mal-wifi. It-tlett itfal jistennew sakemm xi ħadd jinqala' minn fuq it-tablet u jitlaq.

Kemm ilha fuq din l-avventura, Maria qatt ma setghet tidħol fuq Facebook u fil-pront ftakret fih. Issib numru ta' messaġġi mingħand sħabha li bħas-soltu xejn ma huma sbieħ. Għajnejn Maria jimtlew bid-dmugħ. Tiftakar fil-problema tas-*cyberbullying*. Ġorġ u Roberta ma jafux kif jistgħu jgħinuha.

Jiftakru li fil-kaxxa għad hemm it-tarka maġika li kapaċi timliek bil-kuraġġ u tipproteġik. Maria taħtafha. Wara ftit tal-ħsieb tiddeċiedi li mhux se tagħti kas sħabha iktar u t-tarka turiha kif tibblokkjahom minn fuq Facebook biex ma jdejjquhiex iktar.

Mara tistaqsi lil Maria għaliex hija mdejqa. Tgħidilha li hi bħat-tarka tħares lit-tfal u tgħinhom meta jkollhom il-problemi onlajn.
Maria tgħidilha kollox. Il-mara tgħannaqha u tħeġġiġha biex titkellem mal-ġenituri tagħha kif ukoll mal-Kap ta' l-iskola.

# Konklużjoni

Ġejna fit-tmiem ta' din l-avventura. Issa se npoġġi l-ħames għodod li wżajna f'din l-avventura, jiġifieri l-mappa, il-boxxla, il-ħabel, ix-xibka u t-tarka lura fil-kaxxa misterjuża. Se nagħlaq il-kaxxa u nerġa' nagħmilha fejn sibtha biex tfal u żgħażagħ oħra jerġgħu jsibuha. B'hekk ġenerazzjoni oħra ta' tfal isibu t-triq lejn il-ħames artijiet ideali.

Ftakru li kollha kemm intom għandkom DRITT tgħixu ħielsa u kuntenti, bħalma issa huma Roberta, Ġorġ u Maria.
Dan ifisser li b'dan il-pjan ta' seba' snin, il-kbar (l-istat, il-komunità u l-familja) se jaħdmu għall-ġid tagħkom. Imma tinsewx li mhux biżżejjed li tingħataw l-opportunitajiet imma intom stess tridu taħdmu biex taslu.

Kunu kurjużi biex tiskopru d-dinja ta' madwarkom.
Isimgħu u tgħallmu minn min jaf iktar minnkom u jħobbkom.
Qatt taqtgħu qalbkom.
Ibżgħu għalikom infuskom.
Għinu lil xulxin.

Issa ħbieb, poġġu dan il-ktejjeb f'postu u ibdew aħdmu biex, flimkien mal-adulti li tkellimna dwarhom, il-ħolm tagħkom iseħħ u tkunu kuntenti.

Awguri
Martina

XXXXX



